TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

CCT/215/14/S

John Farrugia
Vs
Leo Scicluna ezercenti l-kummerc bhala LSC Metal Finishing

Illum 21 ta'Lulju,2016.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' John Farrugia pprezentata fil-15 t'Ottubru,2014 u r-risposta ta' Leo Scicluna ezercenti l-kummerc bhala LSC Metal Finishing ipprezentata fit-3 ta'Novembru,2014;

Ra d-dokumenti varji pprezentati u r-rapport tal-espert tekniku Mario Buttigieg u sema' lill-partijiet u t-trattazzjoni maghmula fis-seduta tal-5 ta'Mejju,2016;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda xoghol ta' "chroming" fuq partijiet ta'vettura li hargilhom is-sadid u ghalhekk ir-rikorrent qed jilmenta fuq xoghol hazin filwaqt li l-intimat isemmi li l-'parts' inzammu f'borza tal-plastik meta mhux suppost;

Illi jinghad mal-ewwel li l-kwalita ta' xoghol ta' "chroming", hi materja teknika u kien ghalhekk li tqabbad l-espert Mario Buttigieg Lewis ghal dan il-ghan;

Illi fid-decizjoni moghtija fid-19 ta'Novembru,2001 fl-ismijiet "**Calleja vs Mifsud**" il-Qorti tal-Appell argumentat li :

"*...Kemm il-kostatazzjonijiet tal-perit tekniku nominat mill-Qorti kif ukoll il-konsiderazzjonijiet u opinjonijiet esperti tieghu jikkostitwixxu skond il-ligi prova ta'fatt li kellhom bhala tali jigu meqjusa mill-Qorti.*

*Il-Qorti ma kienitx obbligata li taccetta r-rapport tekniku bhala prova determinanti u kellha dritt li tiskartah kif setghet tiskarta kull prova ohra.*

*Mill-banda l-ohra pero, huwa ritenut minn dawn il-Qrati li kellu jinghata piz debitu lill-fehma teknika ta' l-espert nominat mill-Qorti billi l-Qorti ma kellhiex leggerment tinjora dik il-prova...*";

Illi jigi sottolineat li dan it-Tribunal, kif obbligat li jaghmel, gharbel minn lenti kritika r-rapport tal-espert pero ma ra ebda lok li jiskartah;

Illi l-espert tekniku nominat minn dan it-Tribunal kien car fil-konstatazzjonijiet tieghu u cioe li "*...la darba Scicluna rega' accetta x-xoghol lura hemm juri sinjali li x-xoghol ma sarx kif rikjest mill-ligi.*"[1]

[1] Pagna 7 tar-rapport imhejji mill-espert tekniku Mario Buttigieg

Illi l-Qrati taghna kemm-il darba esprimew rwiehhom li l-konkluzjoni ta' espert m'ghandhiex tigi skartata b'mod legger;

Illi fil-fatt il-Qrati taghna ma jistawx jinjoraw relazzjoni peritali sakemm ma jkunux konvinti li l-konkluzjoni ta'tali relazzjoni ma kinitx gusta u korretta u din il-konvinzjoni trid tkun wahda motivata minn gudizzju ben infurmat, anki fejn mehtieg mill-lat tekniku[2];

Illi kif inghad mill-Qorti tal-Appell fid-decizjoni moghtija fit-23 ta'Gunju,1967 fil-kawza fl-ismijiet "**Bugeja et vs Muscat**":

"*...Il giudizio dell'arte espress mill-perit tekniku ma jistax u m'ghandux, aktar u aktar fejn il-parti interessata ma tkunx ipprevaliet ruhha mill-fakolta lilha moghtija ta'talba ghan-nomina ta'periti addizzjonali, jigi skartat facilment, ammenokke ma jkunx jidher sodisfacebtement illi l-konkluzjonijiet peritali huma, fil-kumpless kollha tac-cirkostanzi, irragonevoli...*";

Illi wara li gie pprezentat ir-rapport tal-espert, il-partijiet ma kkontestawx is-sustanza tal-kontenut tieghu;

Illi tenut kont tac-cirkostanzi tal-kaz, it-Tribunal jaghmel tieghu il-konkluzjonijiet milhuqa mill-espert mahtura minn dan it-Tribunal;

Illi jinghad ukoll li r-rikorrent ma ppruvax in-necessita tax-xiri tal-oggetti kollha li semma' fit-talba tieghu u li kienu attribwibbli ghan-nuqqasijiet tal-intimat;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq spjegati u fic-cirkostanzi tal-kaz u wara li ra l-Kap 378 tal-Ligijiet ta'Malta, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeciedi billi Jilqa' *in parte* it-talba ta' John Farrugia filwaqt li Jichad l-eccezzjonijiet tal-intimat Leo Scicluna ezercenti l-kummerc bhala LSC Metal Finishing u Jordna lill-intimat ihallas lir-rikorrent John Farrugia is-somma ta' €610 rapprezentanti l-ispejjez tal-'aircleaner' u tal-'manifolds', bl-ispejjez ta' dawn il-proceduri inkluz tal-espert tekniku jithallsu mill-intimat Leo Scicluna ezercenti l-kummerc bhala LSC Metal Finishing.

Richard Sladden Av.
Arbitru

---

[2] "**Cauchi vs Mercieca**" deciza mill-Qorti tal-Appell fis-6 t'Ottubru,1999 u "**Calleja noe vs Mifsud**" deciza mill-Qorti tal-Appell fid-19 ta'Novembru,2001.